**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 7 ta' Marzu 2023**

Rikors Numru: 219/22 AL

AB

vs

CD

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat zzewwgu fis-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Katerina, z-Zejtun, u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'AM1';

2. Illi qabel dan iz-zwieg, fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) twieldet binthom SD, li llum ghandha l-età ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'AM 2';

3. Illi inoltre minn dan iz-zwieg fl-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) twieldet binthom PD li llum ghandha l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'AM 3' u fil-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) twieled binhom Daniel Falzon li llum ghandu l-eta' ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, kif jidher mic Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'AM 4';

4. Illi l-hajja konjugali bejn r-rikorrenti u l-intimat ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti u l-intimat isseparaw permezz ta' sentenza datata tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), Onor. Imhallef Raymond C. Pace, Citazzjoni numru 1144/2003, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ''AM 5' minn liema sentenza ma kienx hemm appell.

5. Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom separati legalment ghal iktar minn sbatax (17) -il sena, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

6. Illi skond is-sentenza ta' separazzjoni gie iddikjarat illi r-rikorrenti u l-ulied kellhom jigu mantnuti mill-intimat izda stante li ma saret ebda prova li l-konvenut ghandu xi impjieg jew qliegh, il-Qorti ma llikwidat ebda ammont ta' manteniment b'rizerva li jigi likwidat iktar 'il quddiem hekk kif ikun hemm prova tal-introjtu;

7. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimat;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Salv kull provvediment iehor li din l-Qorti joghgobha tordna.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Mejju 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Novembru 2004;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.

| | |
|---|---|
| Ft. Dr Abigail Lofaro | ft. Rita Vella Baldacchino |
| Imħallef | Deputat Reġistratur |